A.L. 87 ta' l-1988

ATT TA' L-1981 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN

(ATT NRU. XXIV TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Emenda Nru. 3).

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 66 ta' l-1981.

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 16 tar-regolamenti principali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Rendikont tad-dħul u infieq tal-Fond tal-Premjijiet li ma ssirx Talba għalihom fil-Lotterija l-Kbira u tal-Ġimgħa għal kull sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta.".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu A ta' l-Iskeda ta' Premjijiet li hemm fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"A. Lotterija l-Kbira

L-Ewwel Premju: Lm60,000 (Sittin elf lira Maltija)

It-Tieni Premju: Lm25,000 (Ħamsa u għoxrin elf lira Maltija)

It-Tielet Premju: Lm10,000 (Għaxart elef lira Maltija)

Tliet Premjijiet ta' Lm1,000 (Elf lira Maltija) kull wieħed

Tliet Premjijiet ta' Lm500 (Ħames mitt lira Maltija) kull wieħed

Tliet Premjijiet ta' Lm250 (Mitejn u ħamsin lira Maltija) kull wieħed

Wieħed u għoxrin premju ta' konsolazzjoni ta' Lm100 (Mitt lira Maltija) kull wieħed li jingħataw lid-detenturi ta' biljetti li jkollhom l-istess numri, iżda b'ittra differenti tal-biljetti li jirbħu l-Ewwel Premju ta' Lm60,000, it-Tieni Premju ta' Lm25,000, u t-Tielet Premju ta' Lm10,000.".